*ART 873(4) TAL-KAP 12*

*ART 1003A TAL-KAP 12*

*DISPREZZ LEJN L-AWTORITA' TAL-QORTI*

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

## Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2016

**Kawza Numru : 29**
**Rikors Guramentat Numru : 666/2016/LSO**

**Fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 1924/13/3/LSO fl-ismijiet:**

**Paola Cassar I.D. 781436M**

**vs**

**Joseph Zammit I.D. 355944M**

***20 ta' Ottubru 2016.***

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors ta' Paola Cassar I.D. 781436M datat 9 ta' Awwissu 2016 fejn espona: -

Illi permezz ta' Digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti moghti fl-14 ta' Lulju 2016, hija ddisponiet is-segwenti fil-konfront tal-intimat Joseph Zammit:

*Il-Qorti wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti dokumentarji relattivi, tilqa' t-talba.*

*Rat l-Art. 873 (4) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u tiddisponi mit-talba u mir-risposta billi tilqa' t-talba u tordna lill-intimat sabiex fi zmien perentorju ta' hmistax-(15) il jum mil-lum jirrispristina l-art fil-meritu tal-Mandat ta' Inibizzjoni premessa fl-istat li kienet meta nharget din l-ordni, cioe' fl-20 ta' Frar 2014, u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrenti sabiex taghmel dawk ix-xoghlijiet kollha necessarji a spejjez tal-intimat sabiex l-art tigi hekk ripristinata. U dan kollu b'opera tal-Perit Alan Saliba li qed jigi nominat ghal dan l-iskop a spejjez tal-intimat.*

***Il-Qorti tordna taht sanzjoni ulterjuri ta' disprezz lill-intimat sabiex jobdi d-digrieti ta' din il-Qorti u ma***

***jippermettix lil terzi li jkomplu jiksru l-ordnijiet tal-istess Qorti.***

Dan id-Digriet gie debitament notifikat lill-intimat Joseph Zammit fis-27 ta' Lulju 2016, kif jirrizulta konfermat mill-anness Dok. A.

Illi minkejja l-imsemmi Digriet, u *nonostante* li dan gie debitament notifikat lill-intimat Zammit, ix-xoghlijiet baqghu ghaddejjin fuq l-art *de quo* b'ritmu mghaggel, daqs li kieku qatt ma kien xejn. Dan hu evidenzjat mill-annessi tliet ritratti (Dokti. B, C u D) li ttiehdu proprju f’ dawn il-granet.

Meta wiehed iqabbel dawn ir-ritratti ma' dawk esibiti mir-rikorrenti fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2016, jigi facilment notat illi f’ dik li dakinhar kienet ghadha hofra illum hemm diversi pilastri tal-hadid intizi bhala parti mill-istruttura tal-bini.

Dan jammonta ghal ksur persistenti tal-Ordni Superjuri imposta minn dina l-Onorabbli Qorti fuq l-intimat Joseph Zammit, u ghalhekk hemm lok li jittiehdu sanzjonijiet ulterjuri ta' disprezz fil-konfront tieghu, kif dina l-istess Qorti rrizervat id-dritt li tghamel bl-imsemmi Digriet Taghha tal-14 ta' Lulju 2016.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti titlob bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tadotta fil-konfront tal-intimat Joseph Zammit dawk is-sanzjonijiet ulterjuri li jidhrilha xierqa u oppotuni ghall-kaz, sabiex dan finalment jigi konstrett jobdi

l-Ordnijiet Superjuri Taghha flok ma jkompli jinjorahom u jiksirhom.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-11 ta' Ottubru 2016 u ordnat in-notifka tal-istess rikors lill-intimat b' ghoxrin (20) jum zmien ghar-risposta.

Rat illi l-intima giet notifkat bir-rikors u bl-avviz ta' smigh kif jidher *a tergo* ta' fol 8 u *a tergo* ta' fol 9 rispettivament fil-25 ta' Awwissu 2016, izda baqa' ma pprezenta l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 11 ta' Ottubru 2016 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr Aldo Vella ghar-rikorrenti prezenti. Xehed bil-gurament tieghu Anthony Cassar, liema xhieda giet registrata fuq is-sistema eletronika. L-intimat debitament notifikat u l-Avukat tieghu msejhin tliet darbiet ma dehrux. Il-Qorti thalliet ir-rikors ghad-digriet ghall-20 ta' Ottubru 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi permezz ta' dan il-kaz, ir-rikorrenti qed tipprocedi sabiex din il-Qorti tiehu l-provvedimenti opportuni fil-konfront tal-intimat wara li allegatament, injora d-digriet ta' din il-Qorti

tal-14 ta' Lulju 2016. L-intimat, wara li gie debitament notifikat, naqas milli jipprezenta risposta.

Il-**fatti** fil-qosor huma s-segwenti. Illi permezz ta' Digriet datat 20 ta' Frar 2014, din il-Qorti, kkonstatat li kienu jezistu l-elementi necessarji ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni biex l-intimat ma jkomplix jesegwixxi xoghlijiet fl-ghalqa msejha "Tar-Rampa" fi Triq il-Palazz l-Ahmar, Santa Venera. Sussegwentement, kien intalab lil din il-Qorti tiehu passi fil-konfront tal-intimat *stante* l-allegati xoghlijiet li tkomplew fis-sit in kwistjoni. Izda, permezz ta' digriet iehor tat-30 ta' Settembru 2014 gie deciz li ma giex ippruvat b'mod soddisfacenti li kien hemm kontinwazzjoni tal-operat fis-sit *de quo*, ghalhekk ladarba ma giex ippruvat ksur tal-ordnijiet taghha *ai fini* tal-artikolu 873(4) tal-Kap 12, din il-Qorti ma laqghetx it-talba rikorrenti.

Madankollu, permezz ta' digriet ta' din il-Qorti datat 14 ta' Lulju 2016, l-intimat gie ordnat jirripristina l-art fil-mertu tal-manadat ta' inibizzjoni fl-istat li kien qabel inharget din l-ordni, cioe` fl-20 ta' Frar 2014, *ai termini* tal-artikolu 873(4) tal-Kap 12. *Di piu`*, bl-istess digriet, il-Qorti ordnat "*taht sanzjoni ulterjuri ta' disprezz lill-intimat sabiex jobdi d-digrieti ta' din il-Qorti u ma jippermettix lil terzi jkomplu jiksru l-ordnijiet tal-istess Qorti.*"

**Provi:**

Xehed **Anthony Cassar** (fol 17-18)[1] li esebixxa serje ta' ritratti li ttiehdu gurnata qabel ix-xhieda tieghu minnu stess. Spjega li f'dawn ir-ritratti jidher li tkompla x-xoghol b'zieda mar-ritratti esebiti mar-rikors. Qal li f'dawn l-ahhar ritratti jidher li zied il-hadid biex jaghmel rampa.

**Rimedju rikjest:**

Ir-rikorrenti talbet lil din il-Qorti tiehu l-provvedimenti opportuni fil-konfront tal-intimat sabiex jigi assigurat li l-istess intimat jobdi l-ordni ta' din il-Qorti kif moghtija fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni Nru 1924/2013/1, biex ma jkomplix jagixxi in disprezz ta' din l-Onorabbli Qorti. F'kazijiet bhal dawn, din il-Qorti ghandha a dispozizzjoni ir-rimedju previst bl-**artikolu 873(4) tal-Kap 12** kif ukoll il-procedura stabbilita bl-**artikolu 1003A tal-Kap 12**.

**Kunsiderazzjonijiet ta' dritt:**

Illi fil-kaz ta' allegat ksur ta' ordni moghtija fil-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni, id-dispozizzjoni espressa tal-ligi l-artikolu 873(4) jiddisponi x'ghamla ta' sanzjoni hi relatata ma' ksur ta' ordni bhal din. Izda, dik is-sanzjoni *ai termini* tal-artikolu 873(4) hija intiza ghall-parti li favur taghha jkun hareg il-Mandat. *Di piu`*, kull allegat ksur ta' ordni ta' Mandat ta' Inibizzjoni tista' taghti wkoll lok ghal bidu ta'

[1] Seduta tal-11 ta' Ottubru 2016.

procedura ta' disprezz skont il-procedura stabbilita bl-artikolu 1003A tal-Kap 12.

Illi, evidentement, dawn ir-regolamenti huma mehtiega biex tinzamm l-ordni. Fil-kaz "**Il-Qorti vs George Galea**", Appell Civili deciz fl-14 ta' Marzu 1988, **LXXII.ii.228**) intqal:

*"…li jehtieg li kulhadd jifhem tajjeb li biex tinzamm il-buon ordni f'socjeta` hadd ma jista' jmur kontra l-ligi. Il-konvenut ma kellu l-ebda dritt li jinjora l-inibizzjoni tal-Qorti, qallu x'qallu haddiehor."*

Illi skont kif inghad f'kaz "**Dr. Louis Vella proprio et nomine vs Joseph Gatt**", P.A. deciza fid-29 ta' Mejju 2001, ….. "*li tali regolamenti qeghdin hemm sabiex b'mod effettiv jigi accertat li hadd ma' jista' jmur kontra l-ligi u jinjora l-ordnijiet li taghti l-Qorti."*

Illi dan il-principju hu ben affermat fil-gurisprudenza taghna tant li gie ritenut: "*min jarbitra u jmur kontra dak li gie lilu ordnat b'mandat ta' inibizzjoni, filwaqt li dak il-mandat ikun ghadu jsehh jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti*." (**Vol.XXXVII PIII p 910**). Ukoll, fil-kaz "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**", Appell Civili deciz fis-7 ta' Ottubru 1997, intqal:

*"ordni tal-Qorti tista' tigi biss reza ineffettiva b'ordni iehor kuntrarju ta' dik il-Qorti jew ta' Qorti ohra u sakemm dan javvera ruhu hu obbligu ta' min ikun gie hekk ordnat li*

*jagixxi skont dik l-ordni taht piena fin-nuqqas ta' disprezz lejn l-Awtorita` taghha".* [2]

Difatti, mal-medda tas-snin, gie stabbilit mill-Qrati taghna li li min jinsab hati ta' ksur ta' ordni ta' Qorti moghti f'mandat ta' Inibizzjoni jsir hati ta' disprezz lejn l-awtorita` taghha.[3]

Jigi ritenut, li l-proceduri ta' disprezz, ghalkemm fis-sura ta' proceduri civili, huma wkoll ta' natura penali, il-proceduri fit-Titolu XVII tal-Kap 12, li jitratta l-istitut li jirrigwarda r-rispett li ghandu jingieb lill-Qorti.

Illi dwar l-ewwel rimedju moghti mill-artikolu 873(4) li huwa limitat biss sabiex jithassar dak li sar mill-mument tal-hrug tal-imsemmi mandat, u huwa intiz sabiex dak li favur tieghu hareg il-mandat jigi ripristinat fl-*istatus quo ante*.

L-**artikolu 873(4) tal-Kap 12** jipprovdi:

"*Illi jekk jigi ppruvat permezz ta' rikors ghas-sodisfazzjoni tal-qorti li wara l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni l-persuna inibita issoktat fix-xoghol jew hatt bi ksur ta' l-ordni tal-qorti, il-qorti ghandha minghajr pregudizzju ghal kull azzjoni lilha kompetenti, fuq talba tar-rikorrent, tikkundanna lill-persuna li kontriha jkun inhareg il-mandat sabiex tirrimedja dak li ghamel bi ksur tieghu u fin-nuqqas tawtorizza lir-rikorrent*

[2] Ara wkoll "**Oliver Agius nomine vs Joseph Gatt**" (666/1992/1) (P.S.) P.A. deciza fid-9 ta' Dicembru 2002.
[3] Ara **Galea nomine vs Formosa** P.A. deciza fl-14 ta' Marzu 1936 (Kollezz. **Vol.XXIX.ii.1023**)

*li jaghmel dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali li l-qorti tista' tordnalu jaghmel bi spejjez tal-persuna inibita."*

Illi dan huwa ben differenti mill-kuncett ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Illi kif diga spjegat il-procedura ta' disprezz hi ta' natura penali, u filwaqt li l-artikolu 873(4) joffri rimedju immedjat, il-proceduri ta' disprezz iwasslu sabiex il-Qorti, f'kaz ta' htija timponi l-piena hemm stabbilita.

Illi fis-sentenza "**Il-Qorti vs Carmelo Damato"** P.A., (CS) 29 ta' Marzu 1984, Vol.LXVIII.iii.51) intqal:

"….*min jikser obbligu lilu impost mill-Qorti fuq mandat ta' inibizzjoni tal-parti kuntrarja, jirrendi ruhu hati ta' disprezz ghall-Awtorita` tal-Qorti u xejn ma jiswa li l-motiv li jkun geghlu jikser dak l-ordni jkun ta' min jissimpatizza mieghu minghajr ma jigi mehud in konsiderazzjoni l-punt legali, ghax mill-punto di vista guridika dak il-mottiv mhu ta' ebda valur. (Vol. XXXVII.iii.910)" (Ara wkoll dwar il-proceduri ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti l-kawza "**Il-Pulizija vs Meinrad Calleja**" tat-8 ta' Gunju 1998 (Qorti tal-Magistrati); "**Ir-Registratur tal-Qrati Superjuri vs Lygia sive Luigia Saliba**" (P.A. JRM, 7 ta' Mejju 2001).*

*Minbarra dan, l-akkuza ta' disprezz iggib maghha l-htiega li tigi ppruvata minn min qieghed jixli, l-intenzjoni tal-persuna mixlija li tisfida l-ordni tal-Qorti u b'hekk l-awtorita` taghha.* (Ara "**Edward Camilleri noe vs Carmelo Vella**" A.C. 7 ta'

Ottubru 1997, u "**Il-Qorti vs Antoine R. Camilleri**" – LXXIv.iii.546).

Minn ezami tar-rikors odjern, jirrizulta li dak tentat mir-rikorrenti imur oltre` l-binarji stabbiliti fl-istess artikolu 873(4) tal-Kap 12, u dan peress li dak li r-rikorrenti qed jittenta huwa li effettivament iwaqqaf l-agir purche` illegali tal-intimat u mhux semplicement sabiex l-pozizzjoni tigi re-integrata ghall-mument meta nhareg l-istess mandat.

Difatti, id-digriet ta' din il-Qorti datat 14 ta' Lulju 2016, li hemm referenza ghalih fir-rikors promotur, diga ghamel accenn qawwi fuq l-artikolu 873(4) tal-Kap 12, u diga inghata r-rimedju skont dan l-artikolu sucitat, sabiex l-intimat jirrimedja u jirripristina l-art fil-mertu tal-mandat ta' inibizzjoni u ghandu jqeghda fi stat li kienet fih meta nharget l-ordni tal-Mandat ossia fl-20 ta' Frar 2014. Illi jidher li l-intimat ma ottemporax ruhu ma' dan id-digriet datat 14 ta' Lulju 2016. Fil-fatt, din il-Qorti provdiet ulterjorment, li l-intimat ghandu jottempera ruhu ma dan id-digriet. "***Il-Qorti tordna taht sanzjoni ulterjuri ta' disprezz lill-intimat sabiex jobdi d-digrieti ta' din il-Qorti u ma jippermettix lil terzi jkomplu jiksru l-ordnijiet tal-istess Qorti.***" Ghaldaqstant, huwa manifestament car, li r-rimedju taht l-artikolu 873(4) tal-kap 12 diga gie ezawrit, u dak tentat mir-rikorrenti huwa li l-intimat jigi inibit mit-tkomplija ta' xoghlijiet fl-art mertu tal-Mandat ta' Inibizzjoni.

Fil-kwistjoni odjerna, irid jigi ezaminat jekk ir-rikorrenti tistax tirrivendika d-drittijiet taghha protetti bil-Mandat, u jekk l-intimat kisirx l-ordni tal-Qorti, ghalhekk konsegwentement ikun jisthoqqlu is-sanzjoni tal-ligi ghall-agir abbuziv. L-indagini fil-vertenza in ezami, hija dwar jekk jezistix agir abbuziv u illegali da parti tal-intimat.

Fil-parametri tar-rikors promotur, din il-Qorti ghandha tassigura li l-ordnijiet taghha huma obduti. Fil-kaz odjern, jekk l-intimat jaghmel personalment jew *tramite* terzi, xoghlijiet fl-art mertu tal-mandat ta' Inibizzjoni. Minn paragun tar-ritratti esebiti f'din l-istanza mar-ritratti esebiti mir-rikorrent fl-udjenza tal-14 ta' Lulju 2016, jigi osservat li dakinhar fir-ritratti tidher biss hofra, filwaqt li fir-ritratti esebiti mar-rikors promotur, diga jidhru pilastri tal-hadid, "bricks" u affarijiet ohra, li juru li x-xoghol baqa' ghaddej. *Di piu`,* gie esebit ritratt (fol 13) li juri b'mod car il-haddiema, bhal terzi persuni, li qed jesegwixxu x-xoghlijiet, hekk kif inhuma indikati hemmhekk fl-istess sit in kwistjoni. Minbarra dan ir-ritratti esebiti minn Anthony Cassar fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2016 (fol 16) juru manifestament ix-xoghlijiet tal-pilastri tal-hadid li ttelghu fl-art mertu tal-mandat ta' inibizzjoni. Ghalhekk, ir-rikorrenti ssostanzjat bi provi rassikuranti u konvincenti l-allegazzjoni dwar it-twettiq ta' xoghlijiet da parti tal-intimat. Illi xehed Anthony Cassar, iben ir-rikorrenti li esebixxa r-ritratti mehuda minnu a fol 16, liema xhieda u evidenza ma giet kontrastata bl-ebda mod mill-intimat.

Illi galadarba, il-Qorti hija konvinta li gie ppruvat ksur tal-ordnijiet taghha *ai fini* tal-artikolu 873(4) tal-kap 12, bit-tkomplija ta' xoghlijiet inibiti, jezisti l-element *prima facie* sabiex takkolji allegazzjoni ta' disprezz lejn l-Awtorita` tal-Qorti. Ghaldaqstant, hemm lok li jibdew proceduri a tenur tal-**artikolu 1003A**, u tirreferi l-kaz ghall-proceduri kontenzjuzi *ai termini* ta' dan l-artikolu.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi filwaqt li tilqa' t-talba kif dedotta fir-rikors, u a tenur **tal-artikolu 1003A** tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex dan jibda l-procedimenti mehtiega kontra l-konvenut ghad-disprezz lejn l-Awtorita` ta' din il-Qorti.

**L-ispejjez jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**20 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**20 ta' Ottubru 2016**